**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 408/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Andro Galea**

Illum id-disgħa (9) ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Andro Galea**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 28379(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fuq talba tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol:

1. fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew ta' persuna li ħaddem nhar it-12 ta' Marzu 2019 matul il-ġurnata u/jew fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel, f'37, Triq Ta' Giorni, San Ġiljan, naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati, kif ukoll

tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment, jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan billi bħala persuna li jħaddem naqas li jara li xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u jieħu miżuri xierqa u suffiċjenti biex jippreveni waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Naqas li jara li xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurta'. Fejn bennieni huma wżati, dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqas li jara li lqugħ protettiv, barrieri, jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħla madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet, u f'xi oqsma oħra kollha, fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali, jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskju mill-għarqa jew korriment serju. Naqas li jara li lqugħ protettiv, barrieri, jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma wżati, u dan *ai termini* ta' Artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta) u Artikoli 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV, Sezz. II, Parti B) ta' Avviż Legali 88/2018 u Avviż Legali 281/2004.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Ottubru 2021 fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 10 u paragrafi 5.1 sa 5.5 tal-iSkeda IV Sezzjoni II Parti B tal-Avviż Legali 88/2018, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u kkundannatu jħallas multa ta' ħamest elef Euro (€5000) li f'każ li ma titħallasx kellha tinbidel fi priġunerija skont Artikolu 11 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi **tħassar, tirrevoka u tannulla** s-sentenza appellata. **In subsidium**, f'każ li l-*

*Qorti ssib ħtija fil-konfront tal-imputat,* ***timmodifika*** *l-istess sentenza appellata, limitatament inkwantu għall-piena, billi tinfliġġi piena inqas minn dik imposta w sproporzjonata w dan ai finijiet u effetti kollha tal-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-21 ta' Ottubru 2021.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fl-affidavit tiegħu, **Clinton Cachia** (Uffiċjal tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol – *a fol.* 2 *et seq.*) jgħid li fit-12 ta' Marzu 2019 kien għamel spezzjoni f'37 Triq Ta' Giorni, San Ġiljan wara li kien sar ilment li l-OHSA irċeviet dakinhar stess. Huwa jgħid li din kienet binja ta' ħames sulari fi stat avvanzat ta' *finishing* fejn seta' josserva

nuqqas ta' lqugħ fil-gallarija tar-raba' sular kif ukoll li l-i*scaffold* armat mal-faċċata ma kienx armat skont is-sengħa għaliex kien hemm nuqqas ta' *end-gates* fit-truf, nuqqas ta' *toe-boards*, nuqqas ta' aċċess sigur minn livell għall-ieħor kif ukoll nuqqas ta' *top-rails* u *mid-rails* fil-livell ta' fuq. Jispjega li kien hemm żewġ ħaddiema (Tayab Nabil Saleh El Hadi u Hamis Muhammad li stqarrew li kienu jaħdmu ma' ċertu Andrew. Jgħid li dawn ma kinux lebsin *safety shoes* u jgħid ukoll li kien qalu li ma kinux ingħataw *safety shoes*. Jispjega li żewġ ħaddiema oħra (ossia Patrick Farrugia u Robert Barun) kienu qed iqegħdu l-madum fejn filwaqt li Farrugia qal li kien qed jaħdem għal rasu, Barun qal li jaħdem ma' Patrick Farrugia. Jgħid li fuq ġewwa tas-sit seta' josserva nuqqas ta' lqugħ fuq wara tal-binja fil-gallarija kif ukoll fit-terrazin u jgħid li x-xogħol twaqqaf u sar kuntatt ma' Andro/Andrew Galea bil-Karta tal-Identita' bin-Numru 28379(M) u dana peress li kien identifikat bħala l-kuntrattur. Għal kull buon fini għandu jingħad li flimkien mal-affidavit ta' Cachia ġew annessi numru ta' ritratti li Cachia għamel riferenza għalihom fl-affidavit tiegħu.

- **Louis Buhagiar** (rappreżentant tal-Jobsplus – *a fol.* 13) qal li ma sabx impjegati jaħdmu mal-appellant allura imputat u li ma nstabu l-ebda *records* fuq Tayab imsemmi fl-affidavit ta' Cachia.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant jisħaq fuq l-innoċenza tiegħu u jinsisti li għandu jiġi dikjarat mhux ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu. Huwa jagħmel sottomissjoni dwar multa amministrattiva li huwa kien lest li jħallas u jgħid li l-Awtorita' naqset li tibgħatlu l-kont kif imwiegħed bil-konsegwenza li kellu jgħaddi l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Jissottometti li r-ritratti taż-żraben

eżebiti huma tal-impjegati tal-individwu l-ieħor. Fir-rigward tal-i*scaffolding* jgħid li r-ritratti juru li kien qed jiġi mibni skont l-obbligu tal-liġi u li waqt li kien qed jiġi mibni, l-iSpettur għażel li jirrapporta lilu bħala konsegwenza liema nuqqas ma kienx imputabbli lilu. Isostni li huwa kkoopera bis-sħiħ u li ottempera ruħu mal-liġi. Jisħaq li kien konċentrat ġewwa l-bini u mhux fil-parti ta' barra, liema pożizzjoni taqa' fil-linja tas-sigurta' adottat minnu fejn isostni li wera li kien responsabbli fuq il-lant tax-xogħol kif wara kollox kien mitlub li jadotta skont il-liġi. Jgħid li meta jkun hemm ċertu dubji dawn għandhom jimmilitaw favur il-persuna mixlija skont il-prinċipju *in dubio pro reo*. Jisħaq li hu ma jistax jinstab ħati meta ma hemmx ċertezza u dana peress li min jallega jrid jipprova mingħajr l-iċken dubju.

Illi dwar dak imsemmi mill-appellant kif ripodott hawn fuq, din il-Qorti tinnota li mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fil-21 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 11 u 12) jirriżulta li l-Qorti msemmija semgħet kemm lid-difiża kif ukoll lill-Prosekuzzjoni x'kellhom xi jgħidu dwar il-multa amministrattiva. Mill-verbal tas-seduta msemmija jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti għamlitha ċara li (*a fol.* 11): *"fil-konsiderazzjonijiet tagħha tal-każ odjern, hija ħa tiskarta kull sottomissjoni li setgħet saret fir-rigward tal-multa amministrattiva meta ser tkun ser tiddeċiedi dwar il-mertu tal-akkużi odjerni u dan fid-dawl tal-fatt li bħal kull imputat ieħor huwa preżunt innoċenti."* Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm xi raġuni biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fuq dan il-punt.

Illi din il-Qorti kkunsidrat li mill-affidavit ta' Clinton Cachia (l-Uffiċjal tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol) irriżulta li l-Uffiċjal kien kellem li ċertu Tayab El Hadi u lil ċertu Hamis Muhammed. Dawn wieġbu li kienu jaħdmu mal-appellant u meta kienu mistoqsija kinux ġew ipprovduti *safety shoes*, huma wieġbu fin-negattiv. Għalhekk hemm prova li l-ħaddiema la kienu lebsin *safety shoes* u lanqas ma kienu ngħatawlhom *safety shoes*. Minn naħa l-oħra, l-asserzjoni li qegħda ssir dwar il-persuni fir-ritratti mhijiex sorretta minn xi prova li pproduċa l-appellant allura imputat.

Illi din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti (inkluż ir-ritratti li ġew eżebiti). Il-qofol tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant hija jekk huwa kienx ħa miżuri biżżejjed ta' sigurta' kif jeżiġi Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, din il-Qorti tinnota li l-affidavit hawn fuq imsemmi u r-ritratti flimkien ma jħallu ebda dubju li l-appellant ma kienx ħa l-miżuri li titlob il-liġi għas-sigurta' tal-ħaddiema. Huwa ssottometta li kien qed jikkonċentra fuq in-naħa ta' wara iżda dan bl-ebda mod ma jnaqqas mir-responsabilita' tiegħu dwar l-i*scaffolding* ġialadarba huwa ndikat bħala l-kuntrattur u dana b'mod speċjali meta l-binja f'dan il-każ kienet binja ta' ħames sulari. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti qed tiċħad l-argumenti msemmija aktar 'il fuq u li ġew imressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant jitlob temperament fil-piena. Jisħaq li fl-istess seduta tal-każijiet li nstemgħu kien hemm ħafna akkużati li tressqu għal imputazzjonijiet aktar serji u li minkejja hekk huma ġew ikkundannati jħallsu multa anqas minn tiegħu.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> "Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan tagħmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi.""

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li l-paraguni huma odjużi u li kull każ għandu l-fattispeċi tiegħu, hija tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat u wara li ħadet konjizzjoni tal-artikolu tal-liġi li jikkontempla l-piena fil-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri tal-liġi. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm xi raġuni għala għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena erogata minnha. Għaldaqstant anke l-argument dwar il-piena hekk kif imressaq mill-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Andro Galea u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha

____________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

____________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**